MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 123/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Anthony Zammit**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fil-5 ta' Lulju, 2000, ghall-habta tas-7.20 p.m., f'Kennedy Drive kantuniera ma Triq J.F. Kennedy, Qawra, waqt li kien qed isuq van Honda numru tar-registrazzjoni LAJ 437:**
**1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma mutur nru. EAK-294 u kkaguna l-mewt ta' Rene' Tara Hrase (Art. 225 tal-Kap. 9);**

**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'velocita' eccessiva, b'manjiera perikoluza, b'manjiera traskurata w bla kont u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku;**
**3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura bi brejkijiet diffetuzi bi ksur ta' sezz. 92 tar-regolamenti tat-traffiku;**
**4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkaguna hsarat f'mutur numru tar-registrazzjoni EAK-294, liema hsarat ma jeccedux il-hames mitt lira Maltin (LM500), ghad-dannu ta' Antonio Zammit (Art. 328(d) tal-Kap. 9).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 t'April, 2005, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 225, 328(d) tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-MVR 92, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf lira Maltin (LM1000), oltre dan ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t'April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara preskritti l-akkuzi kollha hlief l-ewwel akkuza, tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-ewwel akkuza, w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, fil-kaz li din il-Qorti ssib lill-esponent hati tal-ewwel akkuza, tinfliggi piena pekunjarja mhux in eccess ghal dik inflitta mill-Ewwel Qorti.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx preskritti t-tieni, t-tielet u raba' akkuzi. Dan ghaliex fil-waqt li l-incident gara fil-5 ta' Lulju, 2000, il-Pulizija harget l-akkuzi fit-30 ta' Settembru, 2002 u l-appellant gie notifikat bil-komparixxi f' Ottubru, 2002. It-tieni w r-raba akkuzi

ghandhom preskrizzjoni ta’ sentejn fil-waqt li t-tielet akkuza ghax hi kontravvenzjoni, ghandha preskrizzjoni ta’ tlitt xhur.  2. Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza w lanqas ta’ akkuzi ohra;  3. Il-piena ghar-reat kontemplat mill-ewwel akkuza fl-artikolu 225 tal-Kap.9 ma tikkomprendix s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan,

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-23 ta’ Gunju, 2005, li bih il-Prosekuzzjoni aderiet ma l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fir-rigward tat-tieni, t-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-appellant minnu prezentata fil-15 ta’ Lulju, 2005, konformement mal-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2005;**

**Ikkonsidrat;**

**Li ghar-rigward tal-ewwel aggravju, li dwaru hemm l-adezjoni tal-prosekuzzjoni, dan jidher pjenament gustifikat ghaliex ghaddew aktar minn sentejn minn meta gara l-incident u d-data meta l-Pulizija Ezekuttiva harget ic-citazzjoni kif jidher mill-istess timbru fuq il-komparixxi w mid-data fuq l-istess (fol. 1) Di fatti din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet giet sollevata quddiem l-Ewwel Qorti preseduta mill-Magistrat Dottor Carol Peralta fis-seduta tat-30 t’ Ottubru, 2005 (fol.9) u regghet giet sollevata w verbalizzata fl-udjenza tat-2 ta’ Dicembru, 2002 (fol.18) u dak in-nhar gie ukoll verbalizzat li l-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur J. Mercieca, fil-waqt li kienet qed izzomm ferm fuq l-ewwel akkuza, qablet li t-tieni, t-tielet u r-raba’ akkuzi huma preskritti bil-periodi rilevanti taghhom. L-Ewwel Qorti umbaghad ghaddiet biex, seduta stante, iddikjarat dawn it-tlitt akkuzi preskritti. Dan jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti diversament**

**preseduta meta giet biex taghti s-sentenza appellata, li sabet htija fuq l-imputazzjonijiet kollha.**

**Kull kif pero' kemm l-akkuzi migbura flimkien fit-tieni imputazzjoni kif ukoll dik ta' danni nvolontarji fir-raba imputazzjoni li huma preskritti bil-moghdija ta' sentejn skond l-artikolu 688 (e) u *multo magis* it-tielet imputazzjoni li hi ta' natura kontravvenzjonali w ergo preskritta bil-passagg ta' tlitt xhur mill-kommissjoni tal-kontravvenzjoni hija ukoll preskritta skond l-artikolu 688 (f) tal-Kap.9. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.**

**Illi it-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti . Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94];** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991]** ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu**

**tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment

tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

**Illi l-Ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-principji ta' dritt li jirregolaw il-materja w ccitat b' approvazzjoni kemm il-gurisprudenza kif ukoll id-duttrina rilevanti, kkonkludiet li l-appellant kien esegwixxa l-manuvra ta' *"turning to the right across the path of oncoming traffic*" bla ma kien ha l-prekawzjonijiet mehtiega u partikolarment dik li jesplora tajjeb it-triq ghal traffiku gej mill-faccata qabel ma jaghmel tali manuvra w li bejn dan u l-event dannuz [il-mewt ta' Rene Hrase] kien hemm in-nexus tal-kawza u l-effett.**

**Din il-Qorti taqbel ma dak kollu li qalet l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda principji ta' dritt. Izzid biss li kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali** "Il-Pulizija vs. Francis Schembri" **[26.6.68], meta driver ikun ser jaqsam ghal fuq il-lemin tat-triq, ikun hemm bzonn li jaccerta ruhu illi bil-qasma tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu ghal traffiku li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruhu b' dan, id-driver ikun intitolat li jaqsam it-triq. Dan ghaliex kif jghid il-**MAZENGARB **fil-monografija tieghu "**Negligence on the Highway**" :-**

*"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to depart from one's course…..In ordinary circumstances, if a driver turns out of and across the line of traffic …he acts negligently unless he has at least reasonable ground …for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

**L-istess jghid il-**GIBB "Trial of Motor Car Accident Cases**" (para. 85) :-**

*"A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so,*

*however, he must have regard to the safety of others using the highway."*

**Huwa di fatti principju rikonoxxut fil-Qrati Taghna li min ser jidhol minn triq ghal go triq ohra u b' hekk jikser il-kurrent tat-traffiku li jkun sejjer ghad-dritt u jaqsam l-istess triq traversalment, ghandu joqghod ferm attent qabel ma jaqsam u , jekk ikun hemm bzonn, anki jieqaf biex jara sewwa qabel ma jaqsam. (Kollez. Vol. XXX, iv. p.649)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi t-tezi difensjonali tal-appellant hija li hu kien dar wara karozza ohra wara li karozza gejja mill-faccata kienet cedietlu w li kien lahaq qasam kompletament u lahaq dahal fit-triq laterali li tiehu ghall-Qawra meta ntlaqat fil-kantuniera ta' quddiem tax-xellug tal-van tieghu .**

**Jibda' biex jintqal li l-appellant mhux korrett meta jafferma li kien intlaqat meta lahaq qasam kompletament. Jekk wiehed jezamina sew il-pjanta tal-incident imhejjija mill-espert tal-Qorti, l-AIC Richard Aquilina (Fol. 87) kif ukoll il-fotografiji mehuda waqt l-access (fol. 75), partikolarment Doks. PF01 sa 04 u PF07 sa 09, jidher car li l-habta grat lura minn fejn spiccat waqfet il-van misjuqa mill-appellant. Dan johrog kemm mill-pozizzjoni tal-mutur maqlub fil-karreggjata kif ukoll mill-pozizzjoni tal-kadavru tal-vittma. Di piu' wara l-van hemm *brake marks* zghar li ovvjament saru wara li l-appellant intebah x' gara** <u>wara l-habta</u> **w hass il-htiega li jieqaf. Jekk mat-tul ta' dawn il-*brake marks* umbaghad wiehed izid tul mill-inqas ekwivalenti ghat-*thinking distance*, jigi li l-van kien lura minn fejn spicca waqaf meta saret il-habta w, piu' o meno, bi dritt u bejn fejn instabu l-kadavru w l-mutur fl-art, ossia fil-karreggjata tat-triq principali. Kemm il-mutur u kif ukoll il-vittma kienu sejrin fid-direzzjoni tas-Salini izda l-moviment frontali taghhom gie arrestat hesrem bl-iskontru frontali taghhom mall-van u setghu biss jaqghu fejn habtu w ma kien hemm**

**ebda raguni fizika ghala kellhom johorgu 'l barra lejn nofs il-karreggjata aktar milli fil-post fejn ikunu waqghu. Il-fatt li xi hgieg spicca taht il-van ma jikkontradiciex dan ghax dan ovvjament ikun dovut ghall-*forward momentum* tal-istess van li jigi komunikat ukoll lil hgieg taghha tal-windscreen li rrizulta li tkisser bl-impatt u li jkun ingarr il-quddiem mall-istess van li wara l-habta mxiet ghal ftit distanza 'l quddiem u ghalhekk jaqa' w jinxtered fejn din tkun waqfet.**

**Pero', anki kieku kien minnu li l-appellant kien lahaq qabad it-triq laterali meta saret il-habta, dan ma jiskuzahx ghaliex il-priorita' f' materja ta' traffiku ma tikkonsistix f' min jirmexxilu jizgicca l-ewwel imma tesigi li tigi osservata r-*rule of the road* b' dan li min ghandu jcedi w jaghti d-dritta fil-fatt jaghmel dan u bla dak li jkun jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux.**

**Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li ma tabbraccjax il-versjoni tal-appellant kontradetta mill-*pillion rider* li kienet riekba mall-mejet li hu kien qasam wara car ohra. Hawn kienet qed tekeggja l-konkluzzjoni tal-abbli perit Dr. Joseph Micallef Stafrace li rrelata li l-motor scooter misjuq mill-vittma kien fit-triq principali, sejjer fid-dritt u allura l-appellant ma zammx *proper lookout* jew il-*motor scooter* rah , imma haseb (bi zball a kariku tieghu u li ghalih irid jirrispondi hu) li seta' jaqsam ghal gos-*side street* qabel jasal il-*motor scooter*, izda f' dan zbalja u l-izball tieghu gab konsegwenzi fatali. Li l-kwadru tal-incident deskritt minn Patricia Buchberger jirrispekkja l-verita' ta' dak li gara u cioe' li l-appellant qabad u kiser minn quddiem u imblokka l-passagg tal-*motor scooter* u holoq emergenza subitanea ghas-sewwieq bla ma kien hemm ebda htija tal-vittma.**

**Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-appellant issottometta li x-xhieda moghtija mill-*pillion rider* Patricia Buchberger quddiem il-perit legali Dr. Micallef Stafrace waqt l-inkjesta magisterjali, ma kienetx ammissibbli ghaliex ma xehditx fil-**

**kumpilazzjoni kontra l-appellant. Tenna l-istess argument fin-nota tieghu tal-15 ta' Lulju, 2005. Ibda biex u ghall-precizjoni hawn non si trattava ta' kumpilazzjoni ghax il-kawza nstemghet bil-procedura sommarja. Fit-tieni lok dan l-aggravju ma giex sollevat fir-rikors tal-appell. Di fatti fir-rikors, l-appellant illimita ruhu biex jghid testwalment hekk: "*Saret emfasi mill-Ewwel Qorti dwar ix-xhieda ta' Patricia Buchberger li l-esponent ma kellux l-opportunita' li jaghmel kontoezami taghha pero' din ix-xhud issemmi li aktar 'il quddiem mill-mutur kien hemm vettura ohra sejra fl-istess direzzjoni taghhom. Li ma tghidx din ix-xhud huwa li dik il-vettura cediet lill-esponent biex jaqsam.*" Issa dan il-kliem qatt ma jista' jiftiehem bhala eccezzjoni li x-xhieda ta' Buchberger ma hix ammissibbli, anzi l-istess appellant b' dan il-paragrafu tar-rikors tieghu kien qed jipprova jikseb argument favur tieghu mix-xhieda taghha.**

**Issa huwa pacifiku li ma jistghux jizdiedu aggravji godda ma dawk kontenuti fir-rikors tal-appell ghax kif gie ritenut fl-appell kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nicholas Debono**" [30.9.1994], din il-Qorti ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajjma bhala aggravji fir-rikors tal-appell, ghax altrimenti tkun qed teludi u ggib fix-xejn il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. Kwindi din is-sottomissjoni tal-appellant ma tistax tigi konsidrata minn din il-Qorti.**

**Jinghid ghal kull buon fini pero' li l-abbli prosekutur ghamel riferenza ghall-artikolu 550 (1) tal-Kap.9 li jghid li l-process verbal maghmul regolarment, jista' jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access. L-appellant pero' ssottometta li hu kien prekluz milli jisma' l-istess xhud kif kellu dritt li jaghmel skond is-subartikolu (2) tal-artikolu 550, ghax din tat id-depozizzjoni taghha l-Ajruport u siefret minnufieh wara. Ghalkemm dan hu minnu, minn imkien fl-atti tal-process ma jirrizulta li saret jew giet verbalizzata mid-**

**difiza tal-appellant xi talba maghmula a tenur tal-artikolu 550(2) biex Patricia Buchberger tigi prodotta bhala xhud. Anzi ghall-kuntrarju, wara li xehed l-appellant u x-xhud tad-difiza, l-mechanic Lawrence Falzon, id-difiza iddikjarat li m'ghandix aktar provi (fol.148). Ghalhekk l-appellant ma jistax jilmenta f' dan l-istadju li ma kellux l-opportunita' li jikkontroezamina lil din ix-xhud. Kieku saret talba simili quddiem l-Ewwel Qorti hu minnu li x' aktarx kien ikun hemm id-diffikulta' prattika biex din tingieb Malta biex tixhed. Pero' dan il-kaz qatt ma qam u tali diffikolta' ma kienetx tkun wahda insormontabbli ghax mhux l-ewwel darba li f' kazijiet ta' xhieda barranin dawn jergghu jingiebu Malta biex jixhdu fejn il-kaz ikun hekk jimmerita.**

**Hi kif inhi, l-fatt li ma sarx kontro-ezami ta' dix-xhud, meta dan qatt ma gie mitlub mid-difiza, zgur li ma jirrendix ix-xhieda taghha migbura fil-process verbal inammissibbli, izda, se mai u ghall-massimu, l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur meta tigi biex tara x' piz ghandha tinghata lil dik id-depozizzjoni fejn ma jkunx jista' jsir il-kontroezami, ghax ix-xhud ikun lahaq siefer.**

**Illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha ghab-bazi mhux biss ta' dak li qalet Buchberger li eskludiet li d-driver tal-mutur kien qed jissorpassa vettura ohra u li qalet kategorikament li vettura wahda qasmet minn quddiemhom u cioe' l-vettura li habtu maghha. Izda bbazat il-konkluzzjoni taghha fuq il-post fejn sehh l-impatt , fattur importanti gja ukoll rilevat minn din il-Qorti. Ibbazat il-konkluzzjoni taghha ukoll fuq il-fatt li l-appellant ma rax il-mutur qabel il-habta, tant li ma kienx jaf x' kienet id-daqqa li qala'. Qalet li ma setghetx temmen lill-appellant li ma kienx ra l-mutur gej lejh. U qalet ukoll li f' kaz li ma kienx rah dan kien sintomatiku ta' nuqqas ta' *proper lookout*.**

**Ghalhekk l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha setghet liberament tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, w din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja jew**

**tirrovexxja l-apprezzament ta' fatt maghmul mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement l-aggravju bazat fuq il-mertu tas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza ta' omicidju involontarju qed jigi respint.**

**Illi dwar l-aggravji fuq il-piena, jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex il-multa inflitta fuq l-appellant hija inqas minn dik massima stabilita bil-ligi anki qabel l-emendi tas-sena 2002.**

**Pero' l-appellant qed jilmenta mill-kundanna ghas-sospensjoni tal-licenzji tieghu tas-sewqan, ghax jissottometti li l-artikoli 225 ma jikkontemplax tali sanzjoni. Din is-sottomissjoni pero' ma hix fondata, ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Michele Sammut**" [18.3.2004], fejn ikun jirrizulta li r-reat ikun sar permezz ta' vettura, apparti l-piena kontemplata skond l-artikolu rilevanti tal-Kodici Kriminali li johloq ir-reat, tkun applikabbli ukoll id-dispozizzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali u senjatament is-subartikolu (1)(b) tal-imsemmija dispozizzjoni. Dan jghid li meta xi persuna tigi dikjarata hatja ta' reat kriminali li jkun sar bl-uzu jew permezz ta' xi vettura li biex tintuza tkun inharget jew tista' tinhareg licenzja, permess jew awtorita' f' isimha, l-Qorti tista', barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet hatja kif intqal qabel, ghal xi piena mahsuba mil-ligi ghar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq, dik il-licenzja, permess jew awtorita'. Ghalhekk l-Ewwel Qorti unavolta li sabet htija tal-omicidju involontarju, setghet liberament tordna l-iskwalifika jew**

**sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant kif fil-fatt ghamlet u konsegwentement dan l-aggravju hu legalment infondat .**
**Inoltre fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment tezercita din il-fakolta' diskrezzjonali li tiskwalifika lill-appellant mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghaz-zmien pjuttost qasir ta' sitt xhur. Anzi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet miti zzejjed fl-applikazzjoni ta' din is-sanzjoni.**

**Illi umbaghad mill-fedina penali tal-appellant jidher li hu kien instab hati ta' vjolazzjonjiet tar-regolamenti tat-traffiku mhux inqas minn tmin darbiet.**

**Illi ghalkemm din il-Qorti qed tiddikjara l-ahhar tlitt akkuzi preskritti kif fuq intqal, ma jidhirx li hu l-kaz li dan ikun rifless f' xi temperament fil-piena, ghax anki kieku dawn l-akkuzi ma kienux preskritti w rrizultaw pruvati, xorta wahda kienu ser jigu assorbiti fil-piena applikabbli ghar-reat ta' omicidju involontarju stante li kienu jkunu servew bhala mezz biex jigi kommess ir-reat aktar gravi tal-omicidju involontarju skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w dana billi tirrevokaha fil-parti fejn iddikjarat li qed issib lill-appellant "*hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu"* u minnflok tiddikjara li qed issibu hati biss tal-ewwel imputazzjoni ta' omicidju involontarju ta' Rene Tara Hrase w tiddikjara t-tieni, t-tielet u r-raba' akkuzi preskritti, u billi tikonfermaha fil-kumplament taghha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' elf lira Maltin (LM1000) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghall-periodu ta' sitt xhur, liema periodu ghandu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------